



Brussell, 6 ta' Novembru 2019
(OR. en)

13772/19

Fajl Interistituzzjonali:
2019/0242(NLE)

ACP 128
FIN 717

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	13462/19 + ADD 1 - COM(2019 550 final
Suġġett:	Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata mill-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE, fir-rigward tal-adozzjoni ta' deċiżjoni li jiġu adottati miżuri transizzjonali skont l-Artikolu 95(4) tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE - Adozzjoni

1. Fil-25 ta' Ottubru 2019, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata mill-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE, fir-rigward tal-adozzjoni ta' deċiżjoni li jiġu adottati miżuri transizzjonali skont l-Artikolu 95(4) tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE (13463/19 + ADD 1).
2. Fil-5 ta' Novembru 2019, il-Grupp ta' Ħidma dwar l-AKP laħaq qbil dwar il-proposta.
3. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għaldaqstant mistieden jirrakkomanda li l-Kunsill, f'waħda mil-laqgħat tiegħu li jmiss:
 - jadotta l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata mill-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE, fir-rigward tal-adozzjoni ta' deċiżjoni li jiġu adottati miżuri transizzjonali skont l-Artikolu 95(4) tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE, kif jinsab wara l-finalizzazzjoni mill-ġuristi-lingwisti fid-dokument 13756/19;

- jordna l-pubblikazzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill fil-Ġurnal Uffiċjali;
 - jinforma lill-Parlament Ewropew bl-adozzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill;
 - jiddeċiedi li jibgħat l-abbozz ta' Deċiżjoni lin-naħa tal-AKP għall-adozzjoni mill-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE permezz ta' skambju ta' ittri;
 - jordna l-pubblikazzjoni tad-Deċiżjoni AKP-UE, ladarba din tiġi adottata, fil-Ġurnal Uffiċjali.
-